

Brussell, 5 ta' Novembru 2019  
(OR. en)

13785/19

SOC 726  
EMPL 550

#### NOTA PUNT "A"

---

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12951/19 + COR 1
Nru dok. Cion:	7416/18
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom - Adozzjoni

---

1. Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (Pilastru Soċjali) ġie pproklammat solennement mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kunsill fis-Summit Soċjali tal-UE f'Gothenburg.

Il-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Marzu 2018 tirreferi għall-prinċipju 12 tal-Pilastru Soċjali li jiddikjara li *"irrispettivament mit-tip u mit-tul ta' żmien tar-relazzjoni tax-xogħol tagħhom, il-ħaddiema, u f'ċerti kundizzjonijiet simili, il-ħaddiema għal rashom, għandhom id-dritt għal protezzjoni soċjali adegwata"*.

Fl-istess waqt, din il-proposta hija marbuta wkoll ma' prinċipji oħra tal-Pilastru Soċjali bħall-prinċipji dwar "impjeg sigur u adattabbli", "allowances tal-qgħad", "kura tas-saħħa" u "introjtu u pensjoni tax-xjuħija".

2. L-objettiv huwa li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jappoġġaw lill-ħaddiema kollha, b'mod partikolari dawk f'forom ta' impjieg mhux standard, u dawk li jaħdmu għal rashom li, minħabba l-istatus tas-suq tax-xogħol tagħhom jew it-tip ta' relazzjoni ta' impjieg, mhumiex koperti b'mod suffiċjenti mill-iskemi ta' protezzjoni soċjali.
3. L-għan tar-Rakkomandazzjoni proposta huwa li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex:
  - jeliminaw d-differenzi fil-kopertura formali billi jippermettu lill-ħaddiema kollha u lil dawk li jaħdmu għal rashom biex jaderixxu għal skemi tal-protezzjoni soċjali;
  - irawmu kopertura effettiva adegwata billi jieħdu miżuri li jippermettu lill-ħaddiema kollha u lil dawk li jaħdmu għal rashom biex jibnu u jieħdu benefiċċji soċjali bħala membri ta' skema u jiffaċilitaw it-trasferiment ta' benefiċċji tal-protezzjoni soċjali bejn l-iskemi.

Il-proposta tapplika għall-fergħat tal-protezzjoni soċjali għall-qgħad, il-mard u l-kura tas-saħħa, il-maternità u l-paternità, l-invalidità, il-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti u l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-mard okkupazzjonali.

4. Il-Kunsill (EPSCO) laħaq qbil politiku dwar il-proposta fis-6 ta' Diċembru 2018<sup>1</sup>.
5. Tneħħew ir-riżervi kollha.
6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda lill-Kunsill biex:
  - (a) jadotta, bħala punt "A", l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill kif iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti (dok. 12753/19), u
  - (b) jordna l-pubblikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>1</sup> 15384/1/18 REV 1